

4) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawn sostnuti minn Sharif University of Technology.

⁽¹⁾ ĠU C 156, 1.6.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 4 ta' Lulju 2014 – Construcción, Promociones e Instalaciones vs UASI – Copisa Proyectos y Mantenimientos Industriales (CPI COPISA INDUSTRIAL)

(Kawża T-345/13) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva CPI COPISA INDUSTRIAL — Trade mark Spanjola figurattiva preċedenti Cpi construcción promociones e instalaciones, s.a. u isem kummerċjali preċedenti Construcción, Promociones e Instalaciones, S.A.-C.P.I. — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta’ prova tal-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Assenza ta’ prova tal-użu fil-kummerċ tal-isem kummerċjali preċedenti”]

(2014/C 282/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Construcción, Promociones e Instalaciones, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: E. Seijo Veiguela u J. L. Rivas Zurdo, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Copisa Proyectos y Mantenimientos Industriales, SA (L’Hospitalet de Llobregat, Spanja) (rappreżentant: T. González Martínez, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-10 ta’ April 2013 (Każ R 1935/2012-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Construcción, Promociones e Instalaciones, SA, et Copisa Proyectos y Mantenimientos Industriales, SA.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Construcción, Promociones e Instalaciones, SA, hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 245, 24.08.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta’ Lulju 2014 – You-View.tv vs UASI – YouView TV (YouView+)

(Kawża T-480/13) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali YouView+ — Trade mark Benelux figurattiva preċedenti You View You-View.tv — Produzzjoni tardiva ta’ dokumenti — Setgħa diskrezzjonali mogħtija mill-Artikolu 76(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Kunċett ta’ ‘dispożizzjoni kuntrarja’ — Regola 20(1) tar-Regolament Nru 2868/95”]

(2014/C 282/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: You-View.tv (Antwerpen, il-Belġju) (rappreżentant: S. Criel, avukat)